MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1401/1999/1

**Michael Bianchi u martu Pietra Bianchi**

***kontra***

**Rainbow Mix Concrete Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-17 ta` Gunju 1999 li taqra hekk –

*Premess illi d-dar matrimonjali tal-atturi hija l-villa li ggib l-isem it-Torri li tinsab gewwa l-Wardija, San Pawl il-Bahar, u*

*Premess illi l-atturi kienu nkarigaw lis-socjeta` konvenuta biex tezegwixxi xogholijiet strutturali fil-villa taghhom fuq imsemmija, u*

*Premess illi x-xogholijiet li s-socjeta` konvenuta kienet giet imqabbda tezegwixxi ma sarux skond is-sengha u l-arti tant li bhala rizultat l-atturi sofrew danni, u*

*Premess illi s-socjeta` konvenuta ma ezegwietx ix-xogholijiet fiz-zmien mifthiem, u*

*Premess minhabba dan kollu, l-atturi kienu kostretti jwaqqfu lis-socjeta` konvenuta mill-appalt u jqabbdu terzi sabiex jirrimedjaw il-hsarat u x-xogholijiet hziena, u*

*Premess illi l-atturi ottjenew rapport tekniku dwar ix-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` konvenuta fil-proprjeta` taghhom, liema rapport huwa anness ma` din ic-citazzjoni u markat Dok. A, u*

*Premess illi l-atturi sofrew danni bhala rizultat tax-xogholijiet hziena u tad-dewmien min-naha tas-socjeta` konvenuta, inter alia, anke minhabba l-fatt li kellhom iqabbdu terzi biex jikkompletaw l-appalt ghas-sodisfazzjon taghhom.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex –*

*1. Tiddikjara li hafna mix-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` konvenuta fil-proprjeta` tal-atturi, ma sarux skond is-sengha u l-arti u li l-appalt gie ezegwit b`dewmien tant li l-atturi kellhom jitterminaw l-inkarigu tas-socjeta` konvenuta ;*

*2. Tillikwida okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-ezekuzzjoni hazina, negligenti u tardiva tal-appalt min-naha tas-socjeta` konvenuta ;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas id-danni kif likwidati skond it-tieni talba, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta` Frar 1999 kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa` ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2000 (fol 23 u 24) fejn kien ordnat l-isfilz tan-nota ta` eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tal-4 ta` Jannar 2000 billi rrizulta li kienet prezentata *fuori termine.*

Rat illi l-kawza tal-lum kienet miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet *Rainbow Mix Concrete Ltd vs Michael u Petra konjugi Bianchi (Citaz. Nru. 59/00 JZM)* billi dik il-kawza kienet bejn l-istess partijiet u kellha l-istess mertu. Huwa evidenti, anke mill-atti li jaghmlu l-process tal-kawza tal-lum, li l-intiza bejn il-partijiet kienet fis-sens illi l-provi li tressqu u s-sottomissjonjiet li saru f`dik il-kawza kellhom ighoddu wkoll ghall-fini tal-kawza tal-lum.

Rat l-atti kemm tal-kawza tal-lum kif ukoll dawk tal-kawza tal-kawza fl-ismijiet *Rainbow Mix Concrete Ltd vs Michael u Petra konjugi Bianchi (Citaz. Nru. 59/00 JZM)*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2010 fejn halliet ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

**Ikkunsidrat :**

**Il-kawza fl-ismijiet *Rainbow Mix Concrete Ltd vs Michael u Petra konjugi Bianchi (Citaz. Nru. 59/00 JZM)* kienet deciza llum. Fis-sentenza kienu trattati minghajr eskluzjoni l-materji kollha li huma rilevanti ghall-fini tal-accertament tal-fondatezza o meno tat-talbiet tal-atturi fil-kawza tal-lum.**

**A skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti qeghda ghalhekk tadotta *mutatis mutandis* ghall-finijiet u effetti kollha tas-sentenza taghha fil-kawza tal-lum il-provi, l-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet kollha li din il-Qorti qieset fis-sentenza taghha tal-lum fil-kawza *Rainbow Mix Concrete Ltd vs Michael u Petra konjugi Bianchi (Citaz. Nru. 59/00 JZM)*.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------